# I S T I T U T  T A ’  F O R M A Z Z J O N I  P A S T O R A L I

## *C H A R T E R*

## P A S T O R A L  F O R M A T I O N  I N S T I T U T E

### INTRODUZZJONI

Il-Knisja f’Malta , fil-ħidma tagħha ta’ evanġelizzazzjoni, tagħraf bħala impenn urġenti l-formazzjoni tal-membri tagħha. Is-sejħa li ħarġet mis-Sinodu Djoċesan turi biċ-ċar waħda mill-ikbar sfidi li għandha quddiemha l-Knisja f’Malta bħalissa: dik li tipprepara nsara għall-ħtigijiet veri tar-realtà soċjali kif inhi llum.

Fid-dawl tas-Sinodu, il-Knisja trid toffri wkoll attenzjoni għal spazji formattivi ma’ dawk il-kategoriji u gruppi fis-soċjetà li, għalkemm mhumiex direttament impenjati pastoralment, iħossu l-ħtieġa li fit-twettiq tal-ħidma jew tal-professjoni tagħhom jagħmlu konfront kontinwu u profond mal-messaġġ ta’ Kristu u tal-Knisja tiegħu.

### GĦAN

L-ISTITUT TA’ FORMAZZJONI PASTORALI (IFP) għalhekk għandu l-għan ewlieni li jipprovdi formazzjoni ħolistika kif meħtiega lill-membri kollha tal-komunità kattolika f’Malta. Fl-isforz sabiex tissaħħaħ l-identità ta’ din il-komunità ta’ aħwa, l-Istitut irid: joffri opportunitajiet ta’ (a) formazzjoni permanenti, u (b) ta’ esperjenzi spiritwali; (ċ) jippromwovi l-formazzjoni professjonali ta’ l-operaturi pastorali għat-twettiq tal-ministeri u tal-ħidmiet tagħhom; (d) kif ukoll jipprovdi esperjenzi ta’ djalogu mas-soċjetà Maltija.

### OBJETTIVI

L-IFP huwa istituzzjoni fejn il-persuni, u, indirettament, il-komunitajiet li huma jifformaw, isibu l-għajnuna meħtieġa li permezz tagħha jintlaħaq dejjem iktar il-bżonn li:

- jkunu megħjuna sabiex jimmaturaw fl-għerf, mill-aspett tal-qalb, mill-aspett tal-moħħ u mill-aspett tar-ruħ;
- tinbena l-identità tagħhom bħala membri tal-komunità kattolika Maltija;
- jikbru fl-għarfien tas-sejħa li Alla jagħmlilhom u għalhekk jikbru fl-għarfien tar-responsabbiltà li għandhom quddiem l-opportunitajiet li qed joffru ż-żminijiet ta’ llum;
- jikbru quddiem l-isfida li jgħixu u jipprattikaw il-Kmandament ta’ l-Imħabba;
- jidħlu iktar fil-fond tas-sbuħija li ġġib magħha s-sejħa tal-fidi;

- jiddjalogaw ma' l-isfidi li l-kultura u l-mod ta' ħsieb illum qed joffrulhom;
- jiżviluppaw dak it-taħriġ neċessarju u jagħrfu modi ġodda ta' azzjoni li permezz tagħhom, bħala persuni nsara, jemmnu li jistgħu jagħtu kontribut permezz ta' l-azzjoni ministerjali li għaliha jħossuhom imsejħa;
- jagħrfu lilhom infushom bħala l-magħżula u l-maħbuba tal-Ħallieq, mibgħuta biex jixhdu lil Kristu Rxoxt, li jwassal għall-Ħajja bil-kotra fil-ħajja personali, komunitarja u soċjali tagħhom.

## Kif jintlaħaq

Biex ikun hemm akkumpanjament li fih il-persuna li għamlet l-għażla tal-fidi tigi megħjuna timmatura fl-impenn u fil-kontribut tagħha fi ħdan il-Knisja (u hekk ukoll fis-soċjetà), l-IFP għandu l-għan li jipprovdi mumenti ta' formazzjoni sħiħa (ħolistika).

Mill-esperjenza tas-Sinodu ħareġ ċar il-bżonn li l-IFP:

- jfassal proġett komuni ta' formazzjoni għall-Knisja f'Malta;
- joffri mixja mibnija u msaħħa fuq id-dimensjoni biblika, teoloġika, spiritwali, morali, pastorali u umana;
- jiżviluppa proġett aktar speċifku li jħaddan fih opportunitajiet ta' tagħlim u taħriġ fuq livell ġenerali u fuq livelli iktar speċjalizzati;
- joffri esperjenzi ta' approfondiment spiritwali bħala s-sinsla tal-mixja tad-dixxiplu wara Kristu;
- jmexxi lejn direzzjoni koordinata il-korsijiet li diġà qed jsiru fi ħdan is-Segretarjati u l-Kummissjonijiet Djoċesani biex titwettaq il-viżjoni ta' proġett koordinat skond il-ħtiġijiet ta' l-Arċidjoċesi;
- f'kooperazzjoni ma' aġenziji oħra, jidentifika ħidmiet speċifiċi fil-Knisja u jifli x'kompetenzi, tagħlim u mezzi huma meħtieġa għal dawn il-ħidmiet;
- jikkoopera ma' aġenziji tad-Djoċesi u oħrajn biex jilħaq il-bżonnijiet formattivi tagħhom;
- sa fejn jista' jagħmel użu mir-riżorsi li diġà jeżistu, e.g. Fakultà tat-Teoloġija, Inserm, Istituti ta' Spiritwalità fi ħdan l-Ordnijiet Reliġjużi, b'mod li l-kontribut ta' dawn ikun ta' għajnuna għat-twettiq ta' l-għan ta' l-IFP u biex ħidmiet ma jiġux idduplikati bla bżonn;
- jiġi mnebbaħ mid-Dokumenti tas-Sinodu, mill-ħtiġijiet tal-Parroċċi, mill-bżonnijiet tas-Segretarjati u tal-Kummissjonijiet u mill-Pjan Pastorali kurrenti;
- jagħti ċertifikazzjoni għall-korsijiet ta' formazzjoni pastorali;

- jipprepara skema ta' livelli u ta' *standards* għall-korsijiet differenti;
- jara u jiċċertifika li livelli, kontenuti u metodoloġija tal-korsijiet li huma mogħtija fi ħdan id-djoċesi huma ta' *standards* tajbin.

## Qafas

L-IFP:

- huwa entità fi ħdan is-Segreterija Pastorali;
- ikun immexxi minn Direttur / Direttriċi, maħtur/a mill-Arċisqof għal żmien determinat, megħjun/a minn Segretarju/a Amministrattiv/a;
- jkollu Bord maħtur mill-Arċisqof li, flimkien mad-Direttur / Direttriċi, ikun responsabbli mill-*policies* u programmi ta' l-IFP;
- Il-Bord jista' jwaqqaf sotto-kumitati biex jgħinuh fit-tmexxija u l-*auditing* tal-Korsijiet;
- jidentifika nies kwalifikati f'setturi varji, sabiex bil-kontribut tagħhom jgħinu fit-twettiq tal-viżjoni ta' l-IFP;
- jkollu uffiċċju ċentrali fl-Istitut Kattoliku, Floriana;
- fl-istess waqt, jaħdem ukoll permezz ta' ċentri fuq bażi distrettwali u unitajiet pastorali.

## Proposta Formattiva

L-IFP huwa msejjaħ biex:

- jidentifika l-korsijiet u jagħmel proposti formattivi li jpoġġu fil-prattika l-proġett komuni ta' formazzjoni;
- jħejji *prospectus* tal-programm formattiv tas-sena illi fih tingħata deskrizzjoni ta' kull kors u proposta formattiva;
- joffri informazzjoni dwar korsijiet u esperjenzi utli għall-għan tiegħu li diġà qed jiġu offruti bħalissa: min qed joffrihom, fejn qed isiru, l-għan ewlieni tagħhom;
- jara esperjenzi ta' Istituti ta' taħriġ pastorali barra minn Malta;
- jipproponi u /jew jorganizza esperjenzi fuq livell ta' unità pastorali, djoċesana jew nazzjonali li jwasslu għad-djalogu mas-soċjetà aktar wiesa';
- jistudja l-possibbiltà li jiġu tradotti u addattati għall-Malti sussidji utli li diġà qed jiġu użati b'suċċess barra minn Malta.

## VALUTAZZJONI

Kull sena, id-Direttur iħejji rapport dwar il-ħidma ta' l-IFP. Dan ir-rapport jigi ppreżentat fix-xahar ta' Mejju lis-Segreterija Pastorali, lill-Kunsilli Presbiterali u Pastorali Djoċesan.